



Brussell, 26 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5461/23

LIMITE

EPPO 1
COPEN 17
FIN 43
GAF 2
CSC 30

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Note Verbale lill-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tan-Note Verbale mill-Konfederazzjoni Żvizzera notifikata fl-1 ta' Frar 2022 dwar in-notifika mill-Istati Membri parteċipanti tal-UPPE bħala awtorità ġudizzjarja kompetenti skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali tal-1959

– Approvazzjoni

1. Fis-17 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' dokument għal Note Verbale, li għandu jiġi ppreżentat mir-Rappreżentanza Permanenti tal-Iżvezja lis-Segretarju Ĝeneralni tal-Kunsill tal-Ewropa. Dan l-abbozz ta' Note Verbale huwa relataż man-Note Verbale tal-Konfederazzjoni Żvizzera datata s-27 ta' Jannar 2022, irreġistrata fil-Kunsill tal-Ewropa fl-1 ta' Frar 2022. Din tikkonċerna l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħha dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")¹.

¹ ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

2. L-abbozz ta' Note Verbale ġie kkunsidrat mill-Kunsilliera ĠAI fil-laqgħat tagħhom tal-20 u l-24 ta' Jannar 2023. Intlaħaq ftehim fil-livell tekniku permezz ta' proċedura ta' silenzju².
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - a) jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Note Verbale kif jinsab fl-Anness għal din in-Nota u
 - b) jirrakkomanda lill-Kunsill japprova t-test tal-abbozz ta' Note Verbale u jawtorizza lill-Presidenza tippreżenta n-Note Verbale lill-Kunsill tal-Ewropa.

² Billi n-Note Verbale taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-implementazzjoni ta' kooperazzjoni msahħha dwar l-istabbiliment tal-Ufficċċu tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew li ma jiħdu sehem fih id-Danimarka, l-Irlanda, il-Polonja, l-Ungeria u l-Iżvezja, dawk l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-approvazzjoni tagħha.

**Abbozz ta' Note Verbale mir-Rappreżentanza Permanenti tal-Iżvezja lill-Kunsill tal-Ewropa
indirizzata lis-Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tan-Note Verbale
tal-Konfederazzjoni Żvizzera datata s-27 ta' Jannar 2022, irreġistrata fil-Kunsill tal-Ewropa
fl-1 ta' Frar 2022**

Ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Iżvezja għall-Kunsill tal-Ewropa tippreżenta l-kumplimenti tagħha lis-Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Ewropa u, b'referenza għad-Dikjarazzjoni li tinsab fin-Note Verbale mir-Rappreżentanza Permanenti tal-Iżvizzera datata s-27 ta' Jannar 2022, irreġistrata fil-Kunsill tal-Ewropa fl-1 ta' Frar 2022, għandha l-unur li tikkomunika dan li ġej fisem ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgo, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Taljana.

Ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgo, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Taljana:

- jilqgħu b'sodisfazzjon b'mod konġunt id-djalogu mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-modalitajiet ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritatijiet Żvizzeri u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew;

- jilqgħu b'sodisfazzjon b'mod konġunt l-adozzjoni fil-21 ta' Diċembru 2022 tal-"Ordonnance sur la coopération avec le Parquet européen du Conseil fédéral suisse";
- jilqgħu b'sodisfazzjon b'mod konġunt il-possibbiltà ta' kooperazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew u l-awtoritajiet tal-Konfederazzjoni Ċvizzera;
- flimkien jieħdu din l-opportunità biex jikkonfermaw il-fehma tagħhom dwar il-possibbiltà li jaħtru l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew bħala awtorità nazzjonali kompetenti.

Ir-Rappreżentanza Permanent tal-Iżvezja għall-Kunsill tal-Ewropa tieħu din l-opportunità biex iġġedded l-assigurazzjonijiet tal-ogħla konsiderazzjoni tagħha lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.
